



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Mejju 2020
(OR. en)

14677/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0220 (NLE)

COASI 157	ECOFIN 1089
ASIE 49	COMPET 781
CFSP/PESC 916	RECH 514
COHOM 133	ENER 530
CONOP 106	TRANS 563
COTER 163	TELECOM 376
JAI 1272	ENV 973
WTO 328	EDUC 471
FISC 461	EMPL 593

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u r-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt
u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment stabbilit mill-Ftehim Qafas
dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet
dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u r-regoli ta' proċedura
tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra¹ (“il-Ftehim”), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2017.
- (2) L-Artikolu 56(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jiżgura l-implimentazzjoni u l-funzjonament adatt tal-Ftehim (il-"Kumitat Konġunt").
- (3) L-Artikolu 56(6) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u l-Artikolu 56(4) tal-Ftehim jipprevedi li jista' jwaqqaf gruppi ta' ħidma speċjalizzati bil-għan li jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.
- (4) L-Artikolu 28(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment.
- (5) L-Artikolu 28(3) tal-Ftehim jipprevedi li s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

¹ ĠU L 326, 9.12.2017, p. 7.

- (6) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment jiġu adottati malajr kemm jista' jkun.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjonijiet meħmużin tal-Kumitat Konġunt u tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”), għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Kongunt².
2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment stabbilit bil-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment³.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

² Ara d-dokument ST 6856/20 fuq is-sit web <http://register.consilium.europa.eu>

³ Ara d-dokument ST 6856/20 fuq is-sit web <http://register.consilium.europa.eu>